MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 17/2008

Jean-Pierre u Sharon Dorothy
konjuġi Camilleri bħala leġittimi rappreżentanti
ta' binthom minuri Luana Camilleri.

vs

Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex.

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Jean-Pierre u Sharon Dorothy konjuġi Camilleri nomine li permezz tiegħu wara li ppremettew:

Illi fuq l-att tat-twelid ta' binthom minuri Luana Camilleri, li jġib n-numru progressiv ta' mija u sbatax (117) hawn esebit u mmarkati bħala Dokument "A" huwa żbaljat fit-tinei kolonna taħt l-intestatura "Isem u Kunjom" il-kunjom

tal-istess omm Grech għandu jiġi sostitwit bil-kunjom "Camilleri".

Illi l-esponenti qegħdin jesebixxu ċ-ċertifikat taż-żwieġ li juri li l-istess Sharon Dorothy Camilleri kienet kunjomha Grech fi xbubitha u meta żżewġet ħadet il-kunjom tar-raġel tagħha u ċioe' Camilleri u mhux Grech (Dok. B).

Talbu lill-konvenut jgħid għaliex ma għandhiex din il-Qorti;
1) Tordna, għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, l-korrezzjoni tal-att tat-twelid tar-rikorrenti nomine (Dokument A) fis-sens illi l-kunjom "Grech" tal-omm tar-rikorrenti nomine għandu jiġi sostitwit bil-kunjom "Camilleri".

2) Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut jagħti lill-atturi nomine kopja tal-istess att tat-twelid bin-numru mija u sbatax (117) kif korretti;

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-istess konvenut għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi ma'l-istess rikors, u ċioe' bħala dokument "A" l-att tat-twelid ta' Luana Camilleri; u bħala dokument "B" l-att taż-żwieġ tal-ġenituri ta' l-istess Luana Camilleri.

Rat ir-rikors ta' l-istess rikorrenti, tal-5 ta' Marzu 2008, li permezz tiegħu talbu li l-proċeduri f'din il-kawża permezz ta' l-għajnuna legali.

Rat id-degriet tagħha tal-wieħed u għoxrin (21) ta' April 2008, li permezz tiegħu laqgħet l-istess talba.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex, li permezz tagħha ma opponiex għat-talbiet rikorrenti.

Il-Qorti, wara li semgħet lir-rikorrenti jikkonfermaw dan ir-rikors tagħhom, fis-seduta tal-lum, u peress li jidhrilha illi t-talbiet preżenti huma ġustifikati, tilqa' l-istess talbiet, u

1) Tordna l-korrezzjoni ta’ l-att tat-twelid tar-rikorrenti nomine (Dokument A) esebit mar-rikors, fis-sens illi l-kunjom “Grech2 ta’ l-omm tar-rikorrenti nomine għandu jiġi sostitwit bil-kunjom “Camilleri”.

2) konsegwentement tikkundanna lill-konvenut sabiex jagħti lill-atturi nomine kopja tal-istess att tat-twelid bin-numru mijha u sbatax (117) tas-sena elfejn u erbgħa (2004), kif korreġut.

Minħabba n-natura tal-kawża ma għandux ikun hemm spejjeż.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------